# Linji gwida

**dwar l-applikazzjoni ta' C6 u C7 tal-Anness 1 tal-MiFID II**

05/06/2019 | ESMA-70-156-869 MT

# Werrej

I. Kamp ta’ applikazzjoni ........................................................................................ 3
II. Referenzi leġiżlattivi u abbrevjazzjonijiet ........................................................................ 3
III. Għan ........................................................................................................................... 4
IV. Obbligi ta’ konformità u ta’ rapportar .............................................................................. 5
V. Linji gwida dwar l-applikazzjoni ta’ C6 u C7 tal-Anness 1 tal-MiFID II ............................ 6

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għal awtoritajiet kompetenti u l-kumpaniji tal-investiment kif definit fl-Artikolu 4(1)(1) tal-MiFID II.

**Xiex?**

2. Skont l-applikazzjoni tal-MiFID II u l-Artikolu 7 tar-Regolament 2017/565, dawn il-linji gwida jemendaw il-linji gwida tal-ESMA C6/C7 (ESMA/2015/1341) li nħarġu biex jiġu ċċarati l-punti (6) u (7) tat-Taqsima C, l-Anness I tal-MiFID kif issupplimentat mill-Artikolu 38 tar-Regolament 1287/2006/KE.

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida se jibdew japplikaw xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

# II. Referenzi leġiżlattivi u abbrevjazzjonijiet

**Referenzi leġiżlattivi**

| | |
|---|---|
| *Ir-Regolament tal-ESMA* | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[1] |
| *MiFID II* | Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE[2] |
| *MiFID* | Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE[3] |

[1] *ĠU L 331, 15.12.2010, p.84.*

[2] *ĠU L173, 12.06.2014, p.349.*

[3] *ĠU L145, 30.04.2004 p.1-44.*

| | |
|---|---|
| *Ir-Regolament 2017/565* | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva[4] |
| *Ir-Regolament 1287/2006* | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu r-reġistri, ir-rapportaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u t-termini ddefiniti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva[5] |

**Abbrevjazzjonijiet**

| | |
|---|---|
| *ESMA* | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *UE* | L-Unjoni Ewropea |

# III. Għan

1. Dawn il-linji gwida (minn hawn' il quddiem imsejħa "Linji Gwida") għandhom l-għan li jemendaw il-linji gwida C6/C7 (minn hawn' il quddiem imsejħa "Linji Gwida Emendati"), adottati mill-ESMA f'Ottubru 2015 sabiex jiżguraw applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikolu 4(1)(17) moqri flimkien mal-punti (6) u (7) tat-Taqsima C tal-Anness I tal-MiFID, kif issupplimentat bl-Artikolu 38 tar-Regolament 1287/2006/KE.

2. Il-ħruġ tal-Linji Gwida jsegwi d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tal-MiFID II, u r-Regolament 2017/565 li jissupplimenta, li rrevokaw u ssostitwixxew l-MiFID u r-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu 1287/2006/KE. Il-Linji Gwida qed jaġġornaw il-Linji Gwida Emendati biex jiġu adattati għall-qafas regolatorju l-ġdid tal-MiFID II mingħajr ma tinbidel is-sustanza. L-ESMA għalhekk ikkunsidrat li twettaq konsultazzjoni pubblika miftuħa u analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati bħala mhux proporzjonati skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament tal-ESMA.

3. Il-Linji Gwida Emendati u l-Linji Gwida jinħarġu fuq inizjattiva tal-ESMA skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA. Il-Linji Gwida jiċċaraw l-Artikolu 4(1)(2) tal-MiFID II li għandu

---

[4] *ĠU L173, 12.06.2014, p.349.*
[5] *ĠU L145, 30.04.2004, p.1.*

jinqara flimkien mal-punti (6) u (7) tat-Taqsima C tal-Anness I tal-MiFID II u l-Artikolu 7 tar-Regolament 2017/565.

# IV. Obbligi ta’ konformità u ta’ rapportar

### Status tal-linji gwida

1. B’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma’ dawn il-linji gwida.

2. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn linji gwida partikolari jkunu primarjament diretti għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, għandhom jiżguraw li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-Linji Gwida.

### Obbligi ta’ rapportar

3. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) humiex konformi, (ii) mhumiex konformi, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u li m’għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw mal-Linji Gwida.

4. F’każ ta’ nuqqas ta’ konformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw ukoll lill-ESMA, fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, bir-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta’ konformità mal-Linji Gwida.

5. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba l-mudell ikun imtela, għandu jiġi trażmess lill-ESMA.

6. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk humiex konformi ma’ dawn il-Linji Gwida.

# V. Linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' C6 u C7 tal-Anness 1 tal-MiFID II

## V.I. L-Emendar tal-Linji Gwida

**Applikazzjoni ta' C6 tal-Anness 1 tal-MiFID II**

1. L-ESMA tikkunsidra li d-definizzjoni C6 tal-Anness 1 tal-MiFID II tapplika bil-mod li ġej:

    a. C6 għandu applikazzjoni wiesgħa, li tinkludi l-kuntratti ta' derivattivi ta' komoditajiet kollha, inklużi forwards iżda mhux il-prodotti tal-enerġija tal-operaturi nnegozjati fuq l-OTF li jridu jiġu saldati b'mod fiżiku, sakemm:

        i. jistgħu jew iridu jiġu saldati fiżikament; u

        ii. jiġu nnegozjati f'suq regolat, bħall-MTF u/jew l-OTF.

    b. "*Saldati fiżikament*" tinkorpora firxa wiesgħa ta' metodi ta' kunsinna u tinkludi:

        i. kunsinna fiżika tal-komoditajiet rilevanti stess;

        ii. kunsinna ta' dokument li jagħti drittijiet ta' sjieda għall-komoditajiet rilevanti jew il-kwantità rilevanti tal-komoditajiet ikkonċernati (bħal polza ta' kargu jew ċertifikat ta' maħżen); jew

        iii. metodu ieħor biex isir it-trasferiment tad-drittijiet ta' sjieda fir-rigward tal-kwantità rilevanti ta' komoditajiet mingħajr ma jiġu fiżikament ikkunsinjati (inkluż in-notifika, l-iskedar jew in-nomina ta' operatur ta' netwerk ta' provvista tal-enerġija) li jagħti dritt lir-riċevitur għall-kwantità rilevanti tal-komoditajiet.

**Applikazzjoni ta' C6 tal-Anness 1 tal-MiFID II**

2. L-ESMA tikkunsidra li d-definizzjoni C7 tal-Anness 1 tal-MiFID II tapplika bil-mod li ġej:

    a. C7 tifforma kategorija li hija distinta minn C6 u tapplika għall-kuntratti tad-derivattivi tal-komoditajiet li jistgħu jiġu saldati b'mod fiżiku u li mhumiex innegozjati f'suq regolat jew MTF jew OTF sakemm il-kuntratt tad-derivattivi tal-komoditajiet:

        i. mhuwiex kuntratt spot kif definit skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament 2017/565;

        ii. mhuwiex għall-finijiet kummerċjali deskritti skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament 2017/565; u

        iii. jissodisfa wieħed mit-tliet kriterji skont l-Artikolu 7(1)(a) kif ukoll il-kriterji separati skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/565.

    b. "*Saldati fiżikament*" tinkorpora firxa wiesgħa ta' metodi ta' kunsinna u tinkludi:

        i. kunsinna fiżika tal-komoditajiet rilevanti stess;

ii. kunsinna ta’ dokument li jagħti drittijiet ta’ sjieda għall-komoditajiet rilevanti jew il-kwantità rilevanti tal-komoditajiet ikkonċernati (bħal polza ta’ kargu jew ċertifikat ta’ maħżen); jew,

iii. metodu ieħor biex isir it-trasferiment tad-drittijiet ta’ sjieda fir-rigward tal-kwantità rilevanti ta’ komoditajiet mingħajr ma jiġu fiżikament ikkunsinjati (inkluż in-notifika, l-iskedar jew in-nomina ta’ operatur ta’ netwerk ta’ provvista tal-enerġija) li jagħti dritt lir-riċevitur għall-kwantità rilevanti tal-komoditajiet.

3. Id-derivattivi ta’ komoditajiet saldati fiżikament li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta’ C6, jiġifieri mhumiex innegozjati f’Suq Regolat, MTF jew OTF, jistgħu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta’ C7 u d-definizzjonijiet ta’ C6 u C7 jiffurmaw żewġ kategoriji distinti peress li C7 tapplika għad-derivattivi tal-komoditajiet “*jistgħu jiġu saldati fiżikament sakemm ma jingħadx mod ieħor f’C6”.*

4. Il-karatteristiċi l-oħra tad-derivattivi ta’ komodità taħt C7 - “*li ma jkunux għal finijiet kummerċjali, u għandhom il-karatteristiċi ta’ strumenti finanzjarji derivattivi oħrajn* ” - huma definiti ulterjorment skont l-Artikolu7 tar-Regolament 2017/565.

5. L-ESMA tinnota li l-kundizzjonijiet iddefiniti fl-Artikolu 7 tar-Regolament 2017/565, għandhom jiġu applikati b’mod kumulattiv.